# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru, 2019**

**Numru 9**

**Rikors numru 486/10 AE**

**E. Grech Cristal Bath Limited (C13298)**

**v.**

**VG Shutter & Concrete Works Limited (C21877)**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma żewġ appelli mressqa mill-partijiet minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet imqajmin mill-kumpannija intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "l-intimata appellanti") u ordnatilha tħallas lill-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm

imsejħa "l-attriċi appellanti") s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf sitt mija u tlieta u għoxrin euro u disgħa u disgħin ċenteżmi (€ 27,623.99) flimkien mal-imgħaxijiet fuq dik is-somma b'seħħ minn dakinhar tal-għoti tas-sentenza. Ordnat ukoll li l-ispejjeż jinqasmu nofs bin-nofs[1] b'dan li spejjeż tal-perizja għandhom jinqasmu in kwantu għal sebgħin fil-mija (70%) a karigu tal-intimata appellanti u tletin fil-mija (30%) a karigu tal-attriċi appellanti ġaladarba parti sostanzjali minnha tittratta dwar difetti fix-xogħol eżegwit mill-intimata appellanti;

2. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni, l-ewwel Qorti ikkunsidrat hekk:

> *" Il-qorti rat l-atti li jinkludu n-noti ta' sottomissjonijiet u rapport tal-perit tekniku. Rat ukoll l-atti tal-kawza 1065/2010 li kienet qeghda tinstema' flimkien ma' din il-kawza billi huma konnessi, liema kawza ser tigi deciza llum.*
>
> *"Bi skrittura privata tal-31 ta' Awissu 2009, VG Shutter and Concrete Works Limited obbligat ruhha li taghmel xoghol ta' bini ghal AWBG Ltd (ara fol. 175 tal-kawza 1065/2010) fis-sit fejn kien hemm il-fond numru 3, St. Joseph, Triq is-Sejjieh, Naxxar. Fl-iskrittura jinghad li kien diga' sar hlas minn E. Grech Group (AAK Grech Limited u E. Grech Crtisal Bath Limited) fl-ammont ta' €38,652.39. Dawn il-persuni guridici kienu kollha parti fl-imsemmi ftehim. Ix-xoghol kellu jibda fit-12 ta' Settembru 2009 u jispicca fi zmien 60 gurnata. Hu evidenti li kien hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet ta' din il-kawza, fis-sens li l-attrici tat merkanzija lill-kumpannija konvenuta. Il-ftehim kien li l-hlas isir permezz ta' xoghol li l-konvenuta kienet ser taghti lill-kumpannija AWBG Developments Limited fi proprjeta gewwa n-Naxxar. Permezz ta' ittra legali tas-16 ta' Gunju 2010 (fol. 177 tal-kawza 1065/2010), il-konvenuta giet interpellata sabiex tnehhi l-ghodda u armar mis-sit. L-attrici harrket lill-konvenuta sabiex thallasha:*
>
> *". ghall-merkanzija li kkonsenjatilha fit-termini tal-ftehim;*
>
> *". penali ghall-morozita' fit-tlestija tal-appalt;*

[1] Mehud in konsiderazzjoni l-hlas li l-attrici ppretendiet fir-rikors guramentat.

*"Ghal finijiet ta' din is-sentenza l-qorti taghmel riferenza ghall-motivazzjoni tal-provvediment tat-18 ta' Settembru 2012 u taddotta l-istess u terga' ttenni li tezisti relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u wkoll AWBG Development Limited. Permezz ta' provvediment tat-18 ta' Settembru 2012, il-qorti nkarigat lill-perit Alan Saliba sabiex jirrelata dwar:*

*"i. il-valur ta' xoghol li wettqet il-konvenuta;*

*"ii. liema hu l-valur ta' xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti u l-valur tieghu;*

*"Ladarba l-attrici tat merkanzija lill-kuntrattur li kellu jithallas b'xoghol, irid jittiehed qies tax-xogholijiet li ghamlet il-kumpannija konvenuta. L-attrici m'ghandix jedd tippretendi l-hlas kollu tal-merkanzija li nghatat lill-konvenuta, gialadarba mill-provi rrizulta li l-kuntrattur ghamel xoghol fit-termini tal-kuntratt ta' appalt. Il-qorti ma taqbilx mal-attrici li ghaliex AWBG tterminat l-appalt li kien inghata lil VG Shutter, allura sfuma kollox "…. u regga' l-posizzjoni ghal dik antecedenti ghal dak tal-ftehim" (fol. 7 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici). Madankollu fl-itess nota ta' sottomissjonijiet, li saret ghaz-zewg kawzi, l-attrici tirrikonoxxi li "Il-valur ta' xoghol utli li ghamlet VG kellu jigi stmat u mnaqqas mill-ammont mitlub kif spjegat. Is-socjetajiet rikorrenti qatt ma qalu li l-valur utli (nett) ta' VG kien zero/xejn)" (fol. 8 tan-nota).*

*"Il-perit tekniku pprezenta r-rapport (fol. 121 et seq u rrelata) u kkonkluda:*

> *"120 Ix-xoghol li wettqet il-konvenuta huwa elenkat fit-tabella precedenti.*
>
> *"121 Dan ix-xoghol ma kienx kollu esegwit mill-konvenuta skond is-sengha u l-arti kif indikat fl-istess tabella. Li kieku dan ix-xoghol gie esegwit skond is-sengha u l-arti, dan ix-xoghol kien ikollu valur ta' tletin elf, mitejn u tlettax Euro u ghaxar centezmi (€30,213.10). Salv il-mertu legali jekk l-ammont ta' €250 ghall-qtugh tas-saqaf tal-bedroom fl-ewwel sular li mhux qed jigi reklamat mill-konvenuta ghandux jibqa' nkluz f'dan l-ammont.*
>
> *"122 Ix-xogholijiet riparatorji huma dawk indikati fit-tabella precedenti. Dawn ix-xogholijet riparatorji gew kollha esegwiti mill-attrici u ghandhom valur ta' €5,650. Salv il-meritu legali jekk l-ammont ta' €250 ghaz-zarmar tas-shutter tas-saqaf tal-penthouse ghandux jibqa' nkluz f'dan l-ammont.*
>
> *"123 Ghalhekk il-valur tax-xoghol li wettqet il-konvenuta ghandu valur ta' erba' u ghoxrin elf, hames mija u tlieta u sittin Euro u ghaxar centezmi (€24,563.10) salv il-merti legali ndikati supra." (fol. 162).*

*"Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat il-konvenuta (fol. 169) jinghad:*

*"Illi dwar it-talba tas-socjeta attrici f'din il-kawza u cioe' t-talba ta' €52,140.79 m'hemmx kontestazzjoni fuq il-€43,405.64 materjal u oggetti ohra ikkonsenjati. Hemm kontestazzjoni biss dwar l-ammont ta' €8,735.15 rapprezentanti danni minhabba allegatament dewmien fix-xoghol.".*

*"Kompliet tghid li d-dewmien sehh "unikament minhabba l-agir tas-socjeta attrici" ghaliex kienet twaqfet milli tkompli bl-appalt. Il-qorti ser tillimita ruhha biex tirriferi ghall-iskrittura tal-10 ta' April 2010 (fol. 7) fejn jinghad:*

*"VG Shutter and Concrete Works Limited u E Grech Crystal Bath Limited qed jillikwidaw b'mod finali l-istess* ***multa fl-ammont ta' €8,735.15c (Lm3,750) bhala dovuta minn VG Shutter and Concrete Works Limited*** *– li ser jigu pacuti b'arrangament bejn il-partijiet" (enfazi mizjuda).*

*"Ghalhekk il-konvenuta ghandha obbligazzjoni li tirrizulta minn kuntratt u ma tistax tipprova tahrab minn obbligazzjoni li assumiet billi tallega li timputa xi tort lill-attrici jew lill-kumpannija AWBG Developers Limited.*

*"Il-perit tekniku ghamel stima tal-valur ta' xoghol li sar mill-konvenuta li kieku x-xoghol* ***sar kollu*** *skond is-sengha u l-arti. Dan fl-ammont ta'* ***€30,213.10*** *(ara tabella a fol. 161). Min-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat il-konvenuta hu evidenti li accettat il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku ghal dak li jirrigwarda valur ta' xoghol. L-uniku oggezzjoni hi dwar id-difetti fix-xoghol li l-perit tekniku llikwida fis-somma ta' €5,650. Ghalhekk m'hemmx x'jinghad dwar ix-xoghol li l-konvenuta kienet qeghda tallega li ghamlet gewwa San Pawl il-Bahar. F'kull kaz il-perit tekniku ghamel apprezzament korrett tal-provi u l-qorti taddotta l-opinjoni li ta*[2]*.*

*"Mit-tabella a fol. 161 hu evidenti li ghal dak li jirrigwarda x-xogholijiet li saru mill-konvenuta, il-perit tekniku:-*

*"(a) addotta l-kejl u valuri li hemm fil-kontijiet li hareg il-perit Tancred Mifsud*[3]*, ghal dak li jirrigwarda x-xoghol li sar fit-terran, l-ewwel sular, tieni sular u penthouse, fl-ammont komplessiv ta' €21,445 [ara TM07-TM12 a fol. 249-254 tal-kawza 1065/10]. Rilevanti wkoll li waqt fis-seduta tat-18 ta' Dicembru 2012, Victor Gauci xehed: "Jien naqbel mal-kontijiet li ccertifika l-perit fl-ammont ta' €21,820." (fol. 298 tal-kawza 1065/10). Madankollu wara li l-qorti rat l-atti hi tal-fehma li gialadarba l-perit tekniku wasal ghal konkluzjoni li ma kien hemm xejn xi ssalva mit-tarag, mis-somma ta' €21,445* ***ghandha titnaqqas is-somma ta' €2,498.82*** *(€1,365 + 752.64 + VAT) li fil-kontijiet li hareg il-perit Mifsud huma relatati mal-kostruzzjoni tat-tarag li ghamlet il-konvenuta. Bl-*

[2] Ara dik il-parti tar-rapport intestata *"115 Ix-xogholijiet li saru f'San Pawl il-Bahar"* (fol. 159-160).

[3] Hu evidenti li l-kontijiet hargu wara li nqalghet il-kwistjoni bejn il-partijiet. Ghalkemm m'humiex datati, fihom jinghad li l-kejl ittiehed f'April 2010.

*istess mod l-ingall, fir-rigward ta' liema l-perit tekniku ghamel stima ta' **€247.38**, m'huwiex dovut gialadarba t-tarag li bena l-attur ma serva ghal xejn ghaliex kellu jitkisser.*

*"(b) stima ta' xoghol zejjed li sar mill-konvenuta. Il-perit Mifsud ikkalkola wkoll dan ix-xoghol (ara Dok. TM07) fl-ammont ta' €4,692. Fir-rapport il-perit tekniku ta stima tal-valur tax-xoghol zejjed. Hadd mill-partijiet ma kkritika l-istima li ghamel il-perit tekniku ghax-xoghol zejjed, u ghalhekk il-qorti ser taddottaha. Stima li gialadarba hi ta' natura teknika, l-qorti trid tistrieh fuq il-parir ta' perit tekniku li hu indipendenti mill-partijiet.*

*"Fir-rapport tal-perit tekniku jissemma x-xoghol difettuz. F'dan ir-rigward:*

*"(i) Fis-seduta tas-7 ta' Frar 2014 id-difensur tal-attrici ddikjara li m'hemmx kontestazzjoni dwar "… hsarat u xoghol hazin li sar mill-konvenuta", pero' qal ukoll li l-perit tekniku naqas milli jiehu in konsiderazzjoni s-somma ndikata mill-perit Tancred Mifsud ghal dak li jikkoncerna remedial works. Il-qorti fehemet li l-attrici qeghda tirreferi ghal dak li ddikjara l-perit Mifsud fir-rapport tat-18 ta' Ottubru 2010 (Dok. AG2 a fol. 192 tar-rikors 1065/10). F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:*

*"(a) Mir-rapport tal-perit tekniku hu evidenti li kkunsidra dak li rraporta l-perit Mifsud u, kif suppost, wasal ghal konkluzjonijiet tieghu wara li evalwa l-provi li ressqu l-partijiet. Ghalhekk l-attrici ma kenitx korretta meta qalet li dawn ix-xogholijiet ma ttiehdux in konsiderazzjoni mill-perit tekniku.*

*"(b) Fir-rapport tal-perit Mifsud (Dok. AG2) ma jissemmix biss xoghol rimedjali. Hekk per ezempju dwar il-penthouse jissemma li l-konkos ma lehaqx il-grad ta' C25 u nghatat stima ta' €300. M'hemmx dubju li ma tressqitx l-ahjar prova ta' dan, li kienet tkun rizultat ta' testijiet li suppost saru. Dan minkejja li fl-istess dokument, taht il-parti miscellaneous, jinghad "Testing of concrete Euro 780.00". Kif osserva tajjeb il-perit tekniku: "Ma jirrizultax jekk dawn it-testijiet fil-fatt sarux (ma gewx prezentati la rizultati u lanqas ircevuti)" (fol. 152).*

*"(ċ) L-attrici naqset milli tressaq il-kontijiet u ricevuti li hi jew AWBG Ltd setghet hallset biex isiru x-xogholijiet kollha elenkati f'dokument AG2. L-oneru tal-prova kien fuq l-attrici. Hekk ukoll ma ressqitx bhala xhud lill-kuntrattur li suppost ghamel ix-xoghol rimedjali.*

*"(d) Fir-rapport tal-perit Mifsud tissemma cifra ta' €430 ghal hsara fis-sistema tal-elettriku fil-partijiet komuni. Kif osserva l-perit tekniku, m'hemmx prova ta' dan[4].*

*"(e) Fir-rapport tal-perit Mifsud tissemma cifra ta' €2,880 li qal li hi stima ta' "penthouse slab thickness not as specified". Fir-rapport tal-perit*

[4] Hekk ukoll fir-rapport tal-perit tekniku Robert Musumeci, li nghata nkarigu mill-qorti fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (746/2010).

*tekniku jinghad: "…. l-esponent jirreferi ghall-pjanti strutturali li gew prezentati, fejn il-pjanta strutturali tal-penthouse ma gietx prezentata" (fol. 153). Sahansitra l-perit kompla jghid: "…. mill-kont Dok. TM12 annessa mal-affidavit ta' Adrian Grech ma jirrizultax illi f'dawn is-soqfa gew preparati xi travi biex jifilhu xi hitan addizzjonali u ghalhekk, jekk isir zvilupp addizzjonali, is-soqfa ma jkunux ser igorru piz aktar minn dak li qed igorru bhalissa (kontrabejt u tankijiet) billi kull piz addizzjonali jkollu jigi sopportat mill-appoggi". Ghamel sew il-perit tekniku li ma qaghadx biss fuq dak li jinghad fir-rapport tal-perit Mifsud (Dok. AG2).*

*"(f) Fir-rapport tal-perit Mifsud tissemma somma ta' €1,615 bhala stima ta' hsara li jinghad li saret lill-girien. Fil-fehma tal-qorti, jekk saret xi tiswija kellha titressaq bhala xhud il-persuna li ghamlet ix-xoghol u jigu prezentati r-ricevuti ta' hlas. Il-qorti ma tistax ma tosservax ukoll kif l-istess perit Mifsud, fil-kont Dok. TM07 semma c-cifra ta' €815 ghal 'damages to neighbour' u €250 ghal 'damages to neighbours Borg'. Sahansitra fil-kont mahrug mill-attrici tissemma c-cifra ta' €1,715 (fol. 188 tal-kawza 1065/10). Imbaghad fid-domandi li saru mill-attrici lill-perit tekniku jissemmew l-ammont ta' €815 u €215 (ara domanda numru 6 a fol. 167). Il-qorti tikkonkludi li hemm nuqqas ta' konsistenza min-naha tal-attrici li kellha dmir taghti l-ahjar prova. Qal sew il-perit tekniku li m'hemmx prova fhix kienet tikkonsisti l-hsara u "… minn aspett tekniku l-esponent ma setax jasal li l-ammont pretiz mill-attrici fir-rigward ghandu jkun dovut" (fol. 170).*

*"(g) Fir-rapport tal-perit Mifsud tissemma wkoll is-somma ta' €4,600 biex jitnehha shutter tal-konkos fis-sular tal-penthouse. Materja li hi trattata mill-perit tekniku fil-paragrafi 95-97. Il-perit tekniku ghamel osservazzjoni valida dwar l-istima tal-perit tekniku: "L-esponent jikkonsidra li dan l-ammont huwa wisq esagerat, ikkunsidrat il-fatt illi s-saqaf tal-penthouse (armar, hadid, konkos u zarmar) gie jiswa €1,664.71" (fol. 154). Spiza li ma ssemmietx fil-kont a fol. 188 tal-kawza 1065/10. In eskussjoni l-perit tekniku qal: "Nirreferi ghal paragrafu 97 (fol. 154) fejn irrilevajt illi s-saqaf kollu biex isir jiswa €1,664.71 u ghalhekk ma jistax ikun li z-zarmar tax-shutter biss – li huwa proporzjon zghir mix-xoghol kollu tas-saqaf u li jiehu gurnata tnejn min-nies biex isir – jigi jiswa €4,600" (fol. 170). Fil-fehma tal-qorti c-cifra ta' €4,600 hi konferma li fir-rapport tat-18 ta' Ottubru 2010, il-perit Mifsud* **fajjar** *ic-cifri minghajr ma ta spjegazzjoni u ggustifika dak li ddikjara. Agir li jwassal lill-qorti biex tiskarta dak li rraporta gialadarba hu evidenti li l-opinjoni tieghu m'hijiex indipendenti mill-interessi tal-klijent tieghu.*

*"(h) Fir-rapport tal-perit Mifsud tissemma s-somma ta' €450 sabiex jitqieghed iktar torba minhabba li "balcony at penthouse constructed higher than instructed", ghal liema allegat difett ma saret l-ebda riferenza fil-kont tal-istess perit (Dok. TM07). Dan apparti li ma nghatawx dettalji dwar l-allegat difett, li lanqas m'hemm riferenza ghalih fir-rapport tal-perit Musumeci. Il-qorti ser tiskarta din il-pretensjoni.*

*"(i) Fil-kalkoli li ghamel il-perit tekniku ma nkludiex l-ispiza relatata mat-twaqqiegh tas-saqaf tat-tromba tat-tarag wara li osserva "… dan aktar tkisser biex ikun jista' facilment jinghata l-konkos tat-tarag mill-gdid milli ghar-raguni ndikata mill-atturi." (fol. 158). Ukoll jekk wiehed kellu jaccetta din l-opinjoni, l-ispiza ghandha taghmel tajjeb ghaliha l-konvenuta gialadarba kienet hi li ghamlet tarag mhux skond is-sengha u l-art. Ghalhekk is-somma ta' **€1,800** ghandha tithallas. Fir-rigward ta' twaqqiegh tas-saqaf tal-lift minhabba allegat qies hazin tal-lift u li jissemma fir-rapport tal-perit Mifsud (Dok. AG2), il-qorti hi tal-fehma li din ma gietx sostanzjata bi provi. Il-perit tekniku rrelata li ma kienx irrizulta li x-xoghol sar mill-konvenuta, u qed tifhem li kkonkluda hekk peress li Victor Gauci xehed "Dwar il-lift nghid li jiena wasalt sas-saqaf tal-penthouse u s-saqaf u l-opramorta madwar il-lift, fuq il-bejt tal-penthouse, mhux jien ghamilthom." (fol. 288 tal-kawza 1065/2010).*

*"(j) Fir-rapport tal-perit Mifsud b'riferenza ghat-tieni sular jinghad li "3 in number lintels had to be replaced since they were not constructed level and not to the specified height/not according to local trade – cost estimated at Euro550". Isemmi wkoll tqeghid ta' iktar torba "… due to defects in slab-cost estimated at euro 880)". Riferenza ghal dan saret ukoll mill-perit Robert Musumeci fir-rapport li pprezenta fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru: 746/2010. Hu evidenti li l-perit Musumeci wasal ghal konkluzjoni li t-travi li tqieghdu ma kienux skond l-istruzzjonijiet tal-perit Mifsud, a bazi ta' ittra li rcieva minghand il-perit Mifsud u datata 26 ta' Mejju 2010 (ara fol. 243 tal-kawza 1065/2010). Dwar dan l-ilment il-perit tekniku Alan Saliba spjega li ma kienx gustifikat peress li waqt l-access il-partijiet qablu li: "'M'hemmx kontestazzjoni dwar dawn ix-xogholijiet' fejn qablu wkoll li Perit Musumeci kellu jirrelata biss dwar il-kejl u l-istimi relattivi. Oltre minn hekk, Peri Musumeci jghid li fl-access tas-26 ta' Mejju 2010[5] dawn it-travi ma setghux jigu spezzjonati billi kienu mirduma fit-torba u ghalhekk ma tresqux provi dwar x'wassal lill-Perit Mifsud sabiex jintebah, wara li attenda ghall-istess access, li t-travi kienu IPN160 minflok IPN180 kif jidhru fuq Dok. TM03 (Dok. TM01)" (fol. 145). Il-kummenti tal-perit Saliba hu floku. Ghamel sew il-perit tekniku li ma bbazax fuq semplici ittra tal-perit Mifsud li ntbaghatet lill-perit Musumeci wara li sar l-access. Dan zgur m'huwiex il-mod kif jitressqu l-provi, fejn il-parti opposta lanqas biss ma tinghata l-opportunita li tikkummenta. Iktar minn hekk hi d-dikjarazzjoni tal-perit Musumeci li fir-rapport iddikjara li dwar it-travi fl-art tat-tieni sular, il-partijiet kienu ddikjaraw li m'hemmx kontestazzjoni dwar ix-xogholijiet.*

---

[5] Ara fol. 60 tal-kawza 1065/2010. Fl-ittra jinghad: *"after today's site visit on site…. it transpires that the floor beams on second floor level are IPN160 and not according to the instructions I have handed over to the contractor", mentri fir-rapport tal-perit Musumeci jinghad: "Dawn it-travi ma setghux jigu spezzjonati peress illi dawn jinsabu mirduma fl-oghli tat-torba. Waqt l-access, il-partijiet qablu li l-perit Mifsud jittrasmetti dettalji tat-travi indikati, sabiex il-perit sottoskritt ikun jista' jirrelata l-kejl u l-istimi relattivi.* ***Waqt l-access, il-partijiet qablu li ma hemmx kontestazzjoni dwar dawn ix-xogholijiet u li ma kienx hemm ftehim dwar ir-rati tax-xoghol"*** (enfazi mizjuda, fol. 25 tal-kawza 1065/2010). Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni din il-materja ix-xoghol relatat mat-travi kienet maghluqa.

*"(k) Fir-rapport tal-perit Mifsud jinghad "Alterations to façade not built according to drawings Euro 1600". Pero din id-dikjarazzjoni qatt ma giet sostanzjata bi provi. Fir-rapport hemm riferenza ghal dan l-ilment (fol. 139). Pero' jidher li d-difett li hemm fil-faccata hi blata ta' bieb li twessa' u li hi mibruma. Il-perit illikwida somma ta' €200 ghal dan id-difett. Ghal darb'ohra m'huwiex bizzejjed li wiehed jistrieh fuq dak li jinghad fid-dikjarazzjoni tal-perit Mifsud tat-18 ta' Ottubru 2010 (fol. 192 tal-kawza 1065/2010). L-attrici kellha d-dmir li ggib provi dwar x'kienu d-difetti fil-faccata u taghti wkoll prova li saret it-tiswija u l-ispejjez li saru.*

*"(l) Fil-kont mahrug mill-perit Mifsud bhala remedial works jissemma 'replacement of back balcony 1st floor' ghas-somma ta' €460. Wara li l-qorti rat l-atti taqbel mal-perit tekniku li ma tressqux provi dwar x'wassal sabiex il-gallarija tinbidel.*

*"(ii) Il-konvenuta lmentat dwar tnaqqis li sar mill-perit tekniku minhabba "varjazzjoni fid-daqs tal-alzaturi u pedati" u t-tarag difettuz (ara nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta). Il-konvenuta qalet li:*

*"(a) B'riferenza ghal varjazzjoni fid-daqs tal-alzaturi u pedati "… huwa ben maghruf li s-sengha f'dan ir-rigward ma titlobx precizjoni fit-tfassil tat-tarag bil-konkos". Dikjarazzjoni li ma gietx sostanzjata bi provi.*

*"(b) Id-disinn li nbena t-tarag kien skond pjanta li nghatat lill-kuntrattur. F'dan ir-rigward Victor Gauci pprezenta pjanta datata 16 ta' Settembru 2008 (fol. 176 tal-kawza 1065/2010) fejn it-tarag jidher tiela' anti-clockwise. Izda l-perit tekniku gustament osserva: "**Victor Gauci xehed li l-pjanti li tah Adrian Grech kienu approvati mill-MEPA u l-uniku pjanta li hija hekk tidher li hi Dok. AG1 li turi t-tarag idur anticlockwise** (recte clockwise) **skond pjanta AG1 a fol. 194 tal-kawza 1065/10**), cioe' kif rimedjat mill-atturi u mhux kif sar originarjament minn VG. Oltre minn hekk, **mir-ritratt numru 16 anness mar-rapport tal-Perit Musumeci Dok. AG3 jidher car illi dan it-tarag ma sarx skond is-sengha u l-arti kemm bhala hxuna u kif ukoll bil-hadid jidher**" (enfazi mizjuda, fol. 156).*

*"Ghalhekk il-kritika tal-konvenuta m'hijiex flokha.*

*"Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici ghamlet enfazi li l-qorti ma tistax tistrieh fuq ir-rapport tal-perit Alan Saliba ghaliex kuntrarjament ghall-perit Musumeci, ma kienx ra l-post qabel saru x-xogholijiet rimedjali. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:*

*". Il-perit Saliba ta opinjoni wara ezami dettaljat u approfondit tal-provi li tressqu quddiemu. Mir-rapport hu wkoll evidenti kif il-perit tekniku ikkunsidra fid-dettall dak kollu li qalu l-perit Musumeci u l-perit Mifsud.*

*". Il-perit Musumeci ma llikwidax danni. Inoltre fir-rapport hemm xoghol li ma nghatax valur ghaliex fil-fehma tal-perit kellu jigi ccertifikat mill-perit Mifsud (ara per ezempju dik il-parti tar-rapport intestata*

*Konkluzjoni, paragrafi 15 u 17). Hu evidenti li mhux ix-xoghol kollu li sar mill-kuntrattur gie stmat. Fir-rapport il-perit Musumeci llikwida s-somma ta' €7,633.49 bhala l-valur ta' xoghol **"…li ma hemmx kontestazzjoni dwaru"**. Pero' mir-ritratti stess li jinsabu fl-atti wiehed jifhem li l-kuntrattur ghamel hafna iktar xoghol. Fatt li wara kollox jirrizulta mill-kontijiet li hareg il-perit Tancred Mifsud, il-perit responsabbli mill-progett.*

*"Mehud in konsiderazzjoni dak li nghad fil-provvediment tat-18 ta' Settembru 2012 (fol. 111) li qieghed jigi addottat ghal finijiet ta' din il-kawza, kif ukoll dak li nghad f'din is-sentenza, il-qorti tikkonkludi:*

*"i. Merkanzija li l-attrici tat lill-konvenuta - **€43,405.64**;*

*"ii. Valur ta' xoghol li tat il-konvenuta wara li tnaqqas ix-xoghol hazin u spiza ghat-tnehhija ta' shuttering, hu ta' **€24,516.80**[6]. M'hemmx dubju li l-valur ta' xoghol hazin ghandu jitnaqqas mill-ammont dovut lill-kuntrattur. Minn din is-somma trid titnaqqas is-somma ta' **€8,735.15** bhala ammont dovut lill-attrici a bazi tal-iskrittura tal-10 ta' April 2009 (fol. 7). Peress li hu evidenti li r-relazzjoni bejn il-partijiet spiccat ghal kollox, it-tpacija[7] ghandha ssir bit-tnaqqis mill-valur ta' xoghol li l-konvenuta hi ntitolata li tithallas. Ghalhekk ifisser li l-konvenuta kellha tithallas **<u>€15,781.65</u>**.*

*"Ghaldaqstant il-hlas li hu dovut lill-attrici hu ta' **sebgha u ghoxrin elf sitt mija u tlieta u ghoxrin ewro u disgha u disghin centezmu (€27,623.99)**.*

*"B'riferenza:*

*"I - **ghat-tieni eccezzjoni**, hu evidenti li l-appalt kien gie tterminat. Hu veru li l-ftehim kien li l-konvenuta kellha taghti xoghol lil AWBG Developers Limited b'valur tal-merkanzija li hadet minghand l-attrici. Madankollu gialadarba ma tatx b'xoghol il-valur shih tal-merkanzija li hadet, allura ghandha obbligu li thallas il-bilanc.*

*"II - **ghat-tielet eccezzjoni**, jidher li l-appalt kien gie tterminat minn AWGB Developers Limited. Wara li l-qorti rat l-atti u dawk tal-kawza 1065/2010 m'ghandix dubju li kienet gustifikata li twaqqafha milli tkompli bix-xogholijiet minhabba dewmien (ara skrittura tal-31 ta' Awissu 2009 a fol. 175 tal-kawza 1065/2010) u xoghol hazin.*

*"III – **ghar-raba' eccezzjoni**, hu evidenti li l-appalt gie tterminat wara li rrizulta li l-konvenuta ma lestietx ix-xoghol fiz-zmien pattwit u inoltre sar xoghol li ma kienx skond is-sengha u l-art. Hekk per ezempju t-tarag kollu tal-blokk bini.*

---

[6] €30,213 li hu l-valur ta' xoghol (fol. 161) - €1,800 twaqqiegh saqaf tat-tromba - €2,498.82 tarag u €247.38 tal-ingall li ma servew ghal xejn - €1,150 tnaqqis fil-valur ta' xoghol minhabba difetti skond ma rrelata perit tekniku (fol. 161) = **€24,516.80**.

[7] Fir-rigward tas-somma ta' €8,735.15.

> *"IV - **ghas-seba' eccezzjoni**, ma ngiebet l-ebda prova li l-merkanzija ma gietx konsenjata kollha lill-konvenuta*[8] *u m'hijiex tal-kwalita' pattwita."*;

3. Bir-Rikors tal-Appell imressaq minnha fit-2 ta' Ġunju, 2014, l-intimata appellanti qalet li kienet tħossha aggravata bis-sentenza appellata u, wara li semmiet iż-żewġ aggravji tagħha, talbet li din il-Qorti tibdel l-imsemmija sentenza billi tħassar l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti u minflok tillikwida l-ammont ta' erbatax-il elf tliet mija u tmienja u tmenin euro u erbatax-il ċenteżmu (€ 14,388.14);

4. Min-naħa l-oħra, b'Rikors tal-Appell imressaq ukoll fit-2 ta' Ġunju, 2014, l-attriċi appellanti qalet li kienet "taqbel mal-konklużjonijiet kif ukoll in linea ġenerali mal-apprezzament fattwali u legali li għamlet il-Prim'Awla fis-sentenza appellata, minn liema sentenza, filwaqt li titlob li tiġi altrimenti konfermata *in toto*, .. qed titlob limitatament ir-riforma tagħha fuq żewġ punti", u b'hekk u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tillikwida s-somma dovuta lilha mill-intimata appellanti fl-ammont ta' erbgħa u erbgħin elf ħames mija u seba' euro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€ 44,507.43) bl-imgħaxijiet fuq l-imsemmija somma jibdew jinġemgħu minn dakinhar li nfetħet il-kawża, u tikkundanna lill-intimata appellanti għall-ħlas tal-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

---

[8] Victor Gauci xehed *"Jien minix nikkontesta li hadt materjal b'valur ta' 43,140* Ewro…." (fol. 63).

5. Illi b'Risposta mressqa fil-25 ta' Ġunju, 2014, l-attriċi appellanti laqgħet għall-appell tal-intimata appellanti billi qalet li s-sentenza appellata kienet tajba u billi sejħet l-imsemmi appell bħala wieħed fieragħ u vessatorju li jistħoqqlu t-tħaddim tal-kundanna tal-ispejjeż doppji għall-finijiet tal-artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Il-kumpannija intimata appellanti ma ressqet l-ebda kontestazzjoni għall-appell tal-attriċi appellanti, minkejja li laqgħet in-notifika tal-istess appell;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-appelli magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tat-18 ta' Ġunju, 2019;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat id-degriet tagħha li bih ħalliet l-appelli għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi dan il-każ joħroġ mill-qafas ta' negozju li bih l-attriċi appellanti forniet lill-intimata appellanti materjal tal-bini li l-intimata kellha tħallas il-valur tiegħu b'xogħlijiet li kellhom isiru f'binja ġdida fi Triq is-Sejjiegħ, fin-Naxxar. Il-prezz tal-imsemmi materjal kien jitla' għal tlieta u erbgħin elf

erba' mija u ħames euro u erbgħa u sittin ċenteżmi (€ 43,405.64). Ix-xogħlijiet miftehma baqgħu ma sarux kollha fiż-żmien miftiehem u biċċa mix-xogħol li sar ma kienx sar sewwa. Il-partijiet kienu resqu wkoll fuq kitba li bis-saħħa tagħha kienu illikwidaw id-danni minħabba d-dewmien fis-somma ta' tmint elef seba' mija u ħamsa u tletin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€ 8,735.15)[9]. L-attriċi appellanti fittxet lill-intimata appellanti bil-proċedura sommarja speċjali għall-ħlas tal-materjal konsenjat u tal-penali likwidata, wara li temmet l-appalt lill-intimata appellanti. Din il-kawża mxiet flimkien ma' oħra[10] miftuħa kontra l-intimata appellanti mis-sid tal-post fejn sar il-bini. Mis-sentenza mogħtija f'dik il-kawża – li sabet lill-intimata appellanti ħatja tad-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi f'dik il-kawża għal xogħol ħażin – ma sar l-ebda appell;

11. Illi l-aggravji mqajma mill-intimata appellanti mis-sentenza appellata huma tnejn: (i) li l-ewwel Qorti naqset li tqis li l-kitba magħmula bejn il-partijiet fl-10 ta' April, 2010, li biha kienet likwidata s-somma ta' penali dovuta mill-intimata appellanti lill-attriċi appellata kienet suġġetta għal kundizzjoni sospensiva li baqgħet fis-seħħ għaliex dak maħsub fiha baqa' ma seħħx; u (ii) li l-ewwel Qorti ma laqgħetx il-kritika tagħha dwar dik il-parti tar-rapport peritali dwar il-mod kif hi għamlet it-taraġ tal-post;

[9] Dok "EG2", f'paġ. 7 tal-proċess
[10] Rik. Nru. 1065/10AE maqtugħa fit-12.5.2014

12. Illi, min-naħa tal-attriċi appellanti, l-aggravji tagħha jirrigwardaw (a) il-likwidazzjoni globali tal-valur tax-xogħol magħmul mill-intimata appellanti u l-bilanċ li din kien għad fadlilha tħallas lill-attriċi appellanti; u (b) minn meta kellu jibda jitqies l-imgħax dwar l-ewwel talba attriċi;

13. Illi l-Qorti tibda billi tqis l-**aggravji tal-intimata appellanti** fl-ordni li tressqu. B**l-ewwel aggravju**, l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti ma qisitx li l-kitba tal-likwidazzjoni tal-penali kienet suġġetta għal kundizzjoni sospensiva. Hija tgħid li d-dikjarazzjoni magħmula fil-kitba tal-10 ta' April, 2010, kienet tiddependi minn arranġament li l-ammont ta' penali likwidat kellu jitħallas b'xogħol li hija kellha tagħmel lill-attriċi appellanti bi tpaċija. Tgħid li, sakemm ma ngħatalhiex ix-xogħol li bih kellha tħallas lura l-ammont likwidat, allura dik id-dikjarazzjoni kienet tibqa' tiddependi minn dik il-ġrajja. Fi kliem ieħor, l-intimata appellanti tgħid li hija ma kellha qatt tħallas il-penali likwidata għad-dewmien, imma biss li "tħallas" dik il-penali f'xogħol li kellha tagħti malli tintalab tagħmlu;

14. Illi l-attriċi appellanti twarrab għal kollox dan l-aggravju għax tqis li bih l-intimat appellanti qegħda tipprova taħrab minn dak li hija ntrabtet bih u li huwa ċar u ma jagħti lok għall-ebda interpretazzjoni. Iżżid tgħid li l-intimata appellanti qatt ma kienet ressqet dan l-aggravju bħala eċċezzjoni għall-azzjoni attriċi;

15. Illi l-Qorti tqis li l-kitba li saret fl-10 ta' April, 2010, kellha minn dikjarazzjoni aħħarija li tiddetermina l-ammont ta' danni pre-likwidati miftehma bejn il-partijiet li dehru fuqha b'riżultat tan-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni minħabba d-dewmien. Minbarra dan, fiż-żmien li saret l-imsemmija kitba, l-intimata appellanti kienet diġà twaqqfet milli tkompli bix-xogħlijiet li kienet tqabbdet tagħmel. Għalkemm huwa minnu li l-kitba tgħid li s-somma ta' penali maqbula – fl-ammont ta' € 8735.15 – kellha tiġi paċuta b'arranġament bejn il-partijiet, jidher ċar li dan ma kienx billi l-istess kumpannija debitriċi tingħata tagħmel xogħlijiet oħra, aktar u aktar meta hija kienet twaqqfet minħabba li ma kinitx temmet ix-xogħlijiet fiż-żmien miftihem u meta biċċa mix-xogħol li għamlet kienet għamlitu ħażin. Fuq kollox, kien jaqa' fuq l-intimata appellanti li tgħid x'kien ix-xogħol li kienet tqis li l-attriċi appellata kellha tagħtiha tagħmel wara li saret dik il-likwidazzjoni finali. Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, hija tal-fehma li t-tpaċija li tissemma fil-kitba tal-10 ta' April, 2010, saret b'riferenza għall-kalkolu tal-valur tax-xogħlijiet li l-intimata appellanti kienet tat fil-konfront tal-materjal li l-attriċi appellanti kienet fornietha bih u t-tnaqqis relattiv li kellu jsir minn dak il-valur meta jsiru l-konteġġi finali. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tqis li l-likwidazzjoni tal-penali li saret fl-imsemmija kitba kienet tirregola l-modalità tal-ħlas dovut mir-rispettivi partijiet. Fir-raba' lok, għalkemm l-intimata appellanti kienet tabilħaqq qajmet il-kwestjoni tal-penali fis-sottomissjonijiet tagħha qabel ma ngħatat is-sentenza

appellata[11], ir-raġuni li ssemmiet hemm kienet l-imġiba tal-attriċi appellata fis-sens li din kienet taħti għad-dewmien f'li jintemm ix-xogħol, u mhux għaliex kien hemm xi kundizzjoni sospensiva li żammet milli tnissel l-obbligazzjoni;

16. Illi b'riferenza għall-argument tal-intimata appellanti dwar it-tħaddim tal-artikolu 1064 tal-Kodiċi Ċivili, għandu jingħad li, għar-raġunijiet li ssemmew qabel, ma jirriżulta li kien hemm l-ebda kundizzjoni ta' dik l-għamla fil-kitba li saret fl-10 ta' April, 2010. Meta jkun hemm xi kundizzjoni bħal dik, l-obbligazzjoni ma teżistix qabel ma sseħħ il-ġrajja miftehma f'dik il-kundizzjoni[12]. Kemm hu hekk, jingħad li "*durante la pendenza della condizione sospensiva il diritto che deriva dal negozio non é ancora nato, ma vi é la possibilità che esso nasca*"[13]. Il-kitba li resqu fuqha l-partijiet meta illikwidaw il-penali kienet rabta jew obbligazzjoni determinata u mhux sempliċi kundizzjoni sospensiva. Ma kien hemm xejn li kellu jseħħ biex inissel ir-rabta, għaliex ir-rabta kienet inħalqet minħabba dak li kien diġà seħħ qabel (jiġifieri n-nuqqas ta' twettiq f'waqtu tal-appalt[14]). Minbarra dan, lanqas ma kien hemm xi ċirkostanza inċerta li ma kienx magħruf jekk għadhiex trid isseħħ, għaliex il-konteġġi li l-partijiet kellhom jagħmlu kienu ġrajja ċerta li fl-aħħar mill-aħħar kellha ssir;

---

[11] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 178 tal-proċess
[12] Art. 1063(2) tal-Kap 16
[13] A Torrente _Manuale di Diritto Privato_ (9ª Ediz. (1975), § 135-bis p 236 *et. seq*
[14] Kienet saret kitba fil-31 ta' Awwissu, 2009 li fiha kien inqabel iż-żmien sa meta l-intimata appellant kellha ttemm ix-xogħlijiet

17. Illi għalhekk dan l-aggravju tal-intimat appellanti ma huwiex tajjeb u mhux sejjer jintlaqa';

18. Illi fi**t-tieni aggravju** tagħha l-intimata appellanti tgħid li l-ewwel Qorti qagħdet fuq il-perit maħtur minnha u sabet li t-taraġ li għamlet l-istess appellanti fil-post fejn saru x-xogħlijiet kien tqiegħed ħażin, meta kien hemm dokument li juri li għamlitu skond pjanta li għaddithielha l-attriċi appellata nnifisha. Iżżid tgħid li hija kienet ikkritikat lill-perit tekniku dwar din il-kostatazzjoni, imma l-ewwel Qorti xorta waħda baqgħet tal-fehma li toqgħod fuq dak li qal l-imsemmi perit. L-appellanti tgħid li kien jaqa' fuq l-attriċi appellata biex tfisser għaliex tatha pjanta differenti minn dik li dwarha nħareġ il-permess tal-bini mill-awtorità kompetenti;

19. Illi l-attriċi appellata tgħid li dan l-ilment ukoll qed jitressaq l-ewwel darba fl-appell u ma ssemma qatt qabel, u tiċħad li l-intimata appellanti kienet b'xi mod ikkritikat lill-perit tekniku dwar din iċ-ċirkostanza. Minbarra li din l-allegazzjoni tal-pjanta ħażina hija fiergħa, l-attriċi appellata żżid tgħid li kien ix-xogħol ħażin li twettaq u mhux il-mod ħażin li tqiegħed it-taraġ li wassal biex l-ewwel Qorti sabet li kien hemm raġunijiet tajba biex l-intimata appellanti titwaqqaf mix-xogħol li ngħatat tagħmel;

20. Illi din il-Qorti tqis li, għall-kuntrarju ta' dak sottomess mill-attriċi appellata, l-intimata appellanti kienet qajmet din il-kwestjoni quddiem l-ewwel Qorti qabel ma ngħatat is-sentenza appellata[15]. L-ewwel Qorti ma qisitx li dik is-sottomissjoni kienet tajba u lanqas ma jidher li tali sottomissjoni qagħad fuqha l-perit tekniku. Din hija kwestjoni ta' apprezzament ta' provi u din il-Qorti ma ngħatatx raġunijiet tajbin biżżejjed mill-intimata appellanti biex tasal għall-fehma li l-ewwel Qorti għamlet xi apprezzament irraġonevoli jew kontradett mill-atti tal-kawża. Minbarra dan, dak li waslet għalih l-ewwel Qorti kien il-frott ukoll ta' kostatazzjonijiet tekniċi (ta' perit maħtur minnha) li hija kellha kull raġuni toqgħod fuqhom u li fihom infushom kienu jqisu ċ-ċirkostanzi kollha rigwardanti l-mod kif inbena t-taraġ. Fit-tieni lok, kif tajjeb tgħid l-attriċi appellata, il-fatt ta' kif tqiegħed it-taraġ huwa sekondarju għall-fatt tal-mod ħażin u mhux skond is-sengħa li bih inbena. Fi kliem ieħor, dak li wassal lill-perit ġudizzjarju għall-fehma tat-tnaqqis mill-valur tax-xogħol mogħti mill-intimata appellanti kien il-kwalità ħażina tax-xogħol imwettaq. Fit-tielet lok, pjanta waħda biss kienet taqbel mal-permess ta' żvilupp maħruġ mill-awtorità kompetenti, u dik il-pjanta ma kinitx dik li l-intimata appellanti tgħid li ngħatat lilha mill-attriċi appellata: il-pjanta l-oħra approvata kienet turi sewwa kif messu tqiegħed it-taraġ tal-post u kien jaqa' fuq l-intimata appellanti li timxi magħha;

[15] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 180 – 1 tal-proċess

21. Illi għal dawn ir-raġunijiet, lanqas dan it-tieni aggravju ma huwa mistħoqq u mhux sejjer jintlaqa', minbarra li l-Qorti tqis li l-istess aggravju huwa wieħed fieragħ u se' jkun rifless fil-kap tal-ispejjeż;

22. Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis l-**aggravji tal-attriċi appellanti**. Kif ingħad, fl-**ewwel aggravju** l-attriċi appellanti tgħid li l-ewwel Qorti qieset ħażin il-valur ta' xogħol mogħti mill-intimata appellata u li tiegħu kien għad għandha titħallas. Dan l-aggravju jissejjes fuq il-fatt li l-ewwel Qorti qagħdet fuq il-fehmiet tal-perit maħtur minnha meta x-xogħlijiet rimedjali li kellhom isiru fil-post minħabba x-xogħol difettuż imwettaq mill-intimata appellata kien tneħħa u nbidel b'ieħor. L-attriċi appellanti tgħid li l-ewwel Qorti kien jixirqilha timxi fuq il-kalkoli magħmula mill-perit imqabbad minnha *ex parte* jew, tal-anqas, mill-perit imqabbad mill-Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni li ntalab qabel ma nfetħet din il-kawża, għaliex dawn it-tnejn kienu f'qagħda wisq aħjar mill-perit tekniku mqabbad mill-ewwel Qorti biex jikkostataw in-natura vera tax-xogħol ħażin magħmul mill-intimata appellata u jkejlu l-valur tax-xogħol kollu mogħti minnha. Hija tgħid li l-kalkolu xieraq li messu sar mill-ewwel Qorti tal-valur tax-xogħol mogħti mill-intimata appellata kellu jkun billi jintgħaddu flimkien il-valuri tal-prospett maħruġ mill-attriċi appellanti mal-ammont ta' danni mġarrba mill-kumpannija AWBG Developers Limited minħabba x-xogħlijiet li saru ħażin mill-intimata appellata[16], u minnhom jitnaqqas il-valur tax-xogħol

[16] Din hija l-kumpannija (attriċi fil-kawża l-oħra li mxiet ma' din) li kienet is-sid tal-bini li fih saru x-xogħlijiet mertu tal-kawża tallum

tajjeb kif stabbilit mill-perit tekniku mqabbad mill-Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni[17];

23. Illi l-intimata appellata ma ressqet l-ebda Tweġiba għall-appell tal-attriċi appellanti;

24. Illi l-Qorti tagħraf li l-perit tekniku maħtur mill-ewwel Qorti ngħata l-inkarigu tiegħu meta din il-kawża kienet diġà tħalliet għas-sentenza (kemm hu hekk, l-ewwel Qorti kienet issospendiet l-għoti tas-sentenza) u dakinhar li l-atti tal-kawża l-oħra nġabu quddiem l-ewwel Qorti biex jinstemgħu flimkien[18]. Dan ifisser ukoll li bosta mix-xogħlijiet li kienu saru ħażin mill-intimata appellata kienu laħqu tneħħew u nbidlu bix-xogħlijiet rimedjali li saru minn kuntrattur ieħor imqabbad minn sidien il-post. Min-naħa l-oħra, kemm il-perit arkitett imqabbad *ex parte* mill-attriċi appellanti u kif ukoll il-perit tekniku maħtur mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni kienu raw il-post fil-qagħda li kien meta l-intimata appellata twaqqfet milli tkompli bix-xogħlijiet. Mal-ewwel daqqa t'għajn jidher li l-argument tal-attriċi appellanti jġorr miegħu piż mhux traskurabbli;

---

[17] Din hija l-istess proposta mressqa minnha fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f'paġ. 193 tal-proċess, qabel ma ngħatat is-sentenza appellata.
[18] Ara d-degriet tat-18.9.2012 f'paġġ. 111 – 4 tal-proċess

25. Illi l-Qorti, madankollu, tinnota li l-perit imqabbad mill-ewwel Qorti kien diġà nħatar mill-Qorti fil-kawża l-oħra li kienet miexja flimkien ma' din qabel ma ż-żewġ kawżi nġabu flimkien quddiem qorti waħda. Il-kostatazzjonijiet li għamel il-perit tekniku biex fassal ir-rapport tiegħu f'din il-kawża kienu mibnija wkoll fuq dak li ħareġ fl-atti tal-kawża li kienet qiegħda tinstema' ma' din u kif ukoll mir-rapport peritali fl-atti tal-Mandat. Din il-Qorti tqis li din iċ-ċirkostanza ddgħajjef sewwa l-aggravju tal-attriċi appellanti. Dan jingħad għaliex, fl-ewwel lok, iċ-ċirkostanzi li ħadem taħthom l-imsemmi perit kemm f'din il-kawża u kif ukoll fl-oħra kienu l-istess u dan ma jidhirx li nissel l-istess tħassib fil-kawża l-oħra li s-sentenza tagħha ngħatat fuq l-istess kostatazzjonijiet magħmulin mill-istess perit. Fit-tieni lok, bosta mill-kunsiderazzjonijiet magħmulin mill-perit tekniku f'din il-kawża kienu jqisu sewwa r-rapporti kemm tal-perit *ex parte* mqabbad mill-attriċi appellanti u kif ukoll tal-perit tekniku maħtur fl-atti tal-Mandat. Fi kliem ieħor, il-perit tekniku wettaq sewwasew l-eżerċizzju li l-attriċi appellanti qiegħda titlob lil din il-Qorti biex tagħmel f'din l-istanza, biż-żieda li l-perit kien f'qagħda ħafna aktar b'saħħitha li jqis aspetti tekniċi li kemm l-ewwel Qorti u kif ukoll din il-Qorti ma għandhomx għarfien tekniku biżżejjed biex ilumuhom. Fit-tielet lok, il-perit tekniku tenna l-fehmiet tiegħu meta tressaq b'xhud in eskussjoni mill-attriċi appellanti (li l-biċċa l-kbira mill-mistoqsijiet tagħhom kienu jikkonsistu f'konfront maċ-ċifri msemmija fir-rapporti tal-periti l-oħrajn) sewwasew fuq il-likwidazzjoni tal-valur tax-xogħol mogħti mill-intimata

appellata u t-tweġibiet li ta kienu motivati kif mistħoqq biex juru għaliex u kif wasal għal tali likwidazzjoni. Fir-raba' lok, mis-sentenza appellata joħroġ ċar li l-ewwel Qorti qieset ukoll il-fehmiet tal-perit *ex parte* u tal-perit imqabbad fl-atti tal-Mandat, u ma qagħditx biss fuq il-fehmiet tal-perit maħtur minnha. Minn dawk il-kunsiderazzjonijiet l-ewwel Qorti wriet ukoll għalfejn qagħdet fuq il-fehmiet tal-perit imqabbad minnha u fejn dehrilha li kellha twarrab il-kalkoli tal-periti l-oħrajn imsemmija;

26. Illi meħudin dawn il-fatturi kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attriċi appellanti ma tathiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex tiġġustifika dan l-aggravju tagħha. Biex tagħmel mod ieħor, din il-Qorti tkun qiegħda tindaħal fl-apprezzament ta' fatti li l-ewwel Qorti kellha s-setgħa u d-diskrezzjoni li tagħmel meta tat is-sentenza appellata. Biex jintlaqa' l-aggravju tal-appellanti kien ifisser ukoll li din il-Qorti tinqata' minn konklużjonijiet peritali determinati u tidħol f'eżerċizzju approssimativ jew fuq bażi ta' arbitriju *boni viri* meta ċ-ċirkostanzi ma jindikawx li jkun xieraq li jsir hekk;

27. Illi t-**tieni aggravju** tal-attriċi appellanti jirrigwarda ż-żmien minn meta għandu jitqies li beda jimxi l-imgħax fuq is-somma mitluba mill-attriċi appellanti. L-attriċi appellanti tħossha aggravata minn dik il-parti tas-sentenza appellata li tgħid li l-imgħaxijiet fuq is-somma li l-intimata appellata trid tħallasha kellhom jibdew jgħaddu minn dakinhar li ngħatat

l-imsemmija sentenza. L-attriċi tgħid li, ladarba hija kienet talbet il-ħlas ta' somma ċerta (tant li l-kawża nbdiet bil-proċedura sommarja speċjali), l-imgħax fuq is-somma kanoniżżata b'dik is-sentenza kellu jibda għal tal-anqas għaddej minn dakinhar li nfetħet il-kawża, minkejja li l-ewwel Qorti ma laqgħetx it-talba għas-somma kollha mitluba fir-Rikors Maħluf. Minbarra dan, ladarba l-obbligazzjoni bejn il-partijiet kienet waħda ta' sura kummerċjali, l-imgħaxijiet kellhom jibdew jgħaddu minn dak il-waqt li l-obbligazzjoni nħalqet u għalhekk ma kienx jgħodd il-prinċipju li *in illiquidis non fit mora*. Fuq kollox, l-intimata appellata kienet taf li ħadet materjal li jiswa ammont sostanzjali (u li aċċettat kemm li ħaditu u kif ukoll kemm kien il-valur tiegħu) u li ma kinitx tat xogħol f'valur li jaqta' dak l-ammont u għalhekk ma jixraqx li l-istess intimata titħalla tistagħna min-nuqqas tagħha nnifisha;

28. Illi din il-Qorti tqis li l-obbligazzjoni li nisslet ir-rabta kuntrattwali bejn il-partijiet f'din il-kawża kienet bejgħ u konsenja ta' għadd ta' partiti ta' materjal għall-bini u servizzi marbuta ma' dan ix-xogħol. In-negozju sar bejn żewġ kumpanniji. Il-konsenji jidher li ntużaw mill-intimata appellata f'xogħlijiet ta' bini li hija tagħmel bħala attività ewlenija tagħha. Fil-fehma tal-Qorti, dak in-negozju kien att oġġettiv ta' kummerċ[19] u, fl-agħar ipoteżi, att soġġettiv ta' kummerċ[20]. L-intimata iddikjarat li hija taqbel li l-materjal li ħadet mingħand l-attriċi appellanti kien dak imsemmi fil-fatturi u tal-valur

[19] Art. 5(1)(a) tal-Kap 13
[20] Art. 7 tal-Kap 13

dikjarat fihom. L-intimata taċċetta wkoll li hija qatt ma ħallset għal dak il-materjal u li x-xogħol li hija tat skond il-ftehim ma kienx jiswa daqskemm kien jiswa dak il-materjal;

29. Illi l-liġi tagħmilha ċara li, fejn obbligazzjoni tkun ta' sura kummerċjali, l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tkun esegwita[21] u fejn obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jitnisslu mid-dewmien fil-ħlas jkunu jikkonsistu fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkun imissha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena[22]. F'każ bħal dan, l-imgħax irid jitħallas bla ma l-kreditur għandu għalfejn juri li bata xi telf minħabba n-nuqqas ta' ħlas f'waqtu[23];

30. Illi huwa minnu li fejn ikun hemm bżonn issir likwidazzjoni, l-imgħax ma jibdiex għaddej jekk mhux minn dak il-waqt li l-likwidazzjoni ssir u għalhekk id-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx għadu, sa dak il-ħin, moruż. Madankollu, huwa stabbilit ukoll li l-prinċipju li *in illiquidis non fit mora* hija r-regola, iżda huwa wkoll magħruf li dik il-massima m'hijiex xi regola assoluta[24] u tippermetti eċċezzjonijiet. Kemm hu hekk, qorti tista' tinjoraha meta b'dan il-mod ikun qiegħed jingħata vantaġġ lill-parti debitriċi li jkun bi ħtija tagħha li l-likwidazzjoni ma tkunx setgħet issir

[21] Art. 1140(1) tal-Kap 16
[22] Art. 1139 tal-Kap 16
[23] Art. 1140 tal-Kap 16
[24] P.A. GV **16.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Ltd vs Paolo Bonnici Ltd.***

qabel[25]. Minbarra dan, jidher li huwa llum stabbilit ukoll[26] li meta talba għall-ħlas ta' danni hija magħrufa jew faċilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proċeduri ġudizzjarji li jkollhom jittieħdu biex jintalab dak il-ħlas, l-imgħax għandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b'att ġudizzajrju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tingħata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont[27];

31. Illi meta jitħaddmu dawn il-prinċipji ta' dritt għall-fattispeċi tal-każ tallum, wieħed isib li l-attriċi appellanti għandha raġun tippretendi li l-imgħaxijiet li kellha jedd għalihom imorru lura għal dakinhar li nfetħet il-kawża. Din il-Qorti ma ssibx li tali mgħaxijiet messhom jibdew jitqiesu minn dakinhar tar-rispettivi konsenji għar-raġuni sempliċi li kien hemm arranġament li l-intimata appellata "tħallas" lura l-valur tal-materjal konsenjat lilha b'xogħol. Għalhekk, sakemm l-intimata kienet għadha għaddejja bix-xogħlijiet, ma setgħetx fl-istess waqt titqies bħala moruża fil-"ħlas". Madankollu, hekk kif saret il-kitba tal-10 ta' April, 2010, u hekk kif l-intimata twaqqfet milli tkompli tagħti aktar xogħol, il-bilanċ sar eżiġibbli bħala kreditu likwidat li fuqu beda għaddej l-imgħax kummerċjali. L-att tar-Rikors Maħluf kien l-ewwel intima li saret b'att ġudizzjarju lill-intimata biex tħallas l-ammont pretiż, liema att inzerta wkoll kien talba ġudizzjarja. Il-kawża nfetħet madwar xahar biss wara li kienet saret l-

[25] Ara Giorgi Delle Obbligazioni; u wkoll App. Ċiv. **23.6.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Savona pro et noe vs Asphar et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.181**)
[26] Ara App. Ċiv. **5.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċifiko Beżżina vs Victor Buttiġieġ***
[27] Ara Kumm. **15.1.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Buttiġieġ vs Said*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.599**) u App. Ċiv. **12.2.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***May Boffa vs Stella Camilleri*** (mhix pubblikata)

imsemmija kitba. Il-fatt li l-intimata kienet, tajjeb jew ħażin, tat xi xogħol li l-valur tiegħu kellu jkun likwidat ma jġibx li l-obbligazzjoni likwidata li kellha lejn l-attriċi appellanti ssir b'hekk ukoll pretensjoni illikwida;

32. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li dan l-aggravju tal-attriċi huwa mistħoqq u sejjer jintlaqa' billi tgħid li l-imgħax fuq is-somma kanoniżżata mill-ewwel Qorti għandu jibda għaddej mit-12 ta' Mejju, 2010, meta nfetħet din il-kawża;

33. Illi kemm fir-Rikors tal-Appell tagħha u kif ukoll fir-Risposta għall-appell tal-intimata l-attriċi appellanti titlob bdil fil-**kap tal-ispejjeż** kif determinat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata (jiġifieri li l-ispejjeż jinqasmu bin-nofs, ħlief il-każ tal-perizja, fejn l-intimata kellha terfa' sebgħin fil-mija tad-dritt dovut) u kif ukoll fis-sanzjoni tal-kundanna tal-intimata appellanti għal **spejjeż doppji** minħabba t-tressiq ta' appell fieragħ min-naħa tagħha;

34. Illi għar-rigward tal-kwestjoni tal-kap tal-ispejjeż, l-attriċi tressaq l-argument li ma kienx sewwa li hija terfa' wkoll parti mill-ispejjeż tal-kawża wara li kellha toqgħod tirrikorri għall-qorti biex tiġbor flusha u wara n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni min-naħa tal-intimata appellata;

35. Illi l-Qorti ma tqisx li dan l-aggravju huwa mistħoqq. Huwa minnu li l-attriċi fetħet il-kawża, iżda ħareġ ċar li l-ewwel Qorti sabet li mhux biss l-ammont li l-attriċi ppretendiet bi ħlas ma kienx kollu dovut (fil-fatt, din kienet ir-raġuni li l-ewwel Qorti semmiet biex turi għaliex qasmet il-kap tal-ispejjeż bin-nofs), iżda l-attriċi ma qisitx li mhux ix-xogħol kollu li tat l-intimata appellata kien sar ħażin u l-valur tiegħu ma kienx tħallas lanqas. L-attriċi appellanti kienet taf b'dan kollu qabel ma fetħet il-kawża, u minkejja dan, ressqet kawża bil-proċedura sommarja speċjali biex titlob il-ħlas tal-avur kollu tal-fornitura tal-materjal daqslikieku l-intimata appellata ma kienet tat l-ebda xogħol tajjeb. Il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti mxiet ma' dak li jitlob l-artikolu 223(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ma tarax li hemm lok għalfejn għandha tibdel il-kap tal-ispejjeż kif stabbilit fis-sentenza appellata;

36. Illi għal dak li jirrigwarda l-appell tal-intimata appellanti l-Qorti ssib li l-attriċi appellata tgħid sewwa. Bla ma toqgħod ittawwal wisq u fid-dawl ta' dak li semmiet aktar qabel fis-sentenza, din il-Qorti ssib li l-appell imressaq mill-intimata appellanti kien wieħed x'aktarx fieragħ. Minħabba li l-attriċi appellat ukoll ma jistax jingħad li kien l-appell tal-intimata li tawwal din il-kwestjoni, imma fis-sustanza, dak l-appell ma jidhirx li tressaq għaliex tassew kien hemm xi kwestjoni li kienet titlob l-istħarriġ ta' din il-Qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, jgħoddu għall-appell imressaq mill-intimata appellanti l-estremi maħsuba fl-artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

***Decide:***

37. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** tal-kumpannija intimata għal kollox mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi, **bl-ispejjeż għal darbtejn** għall-finijiet tal-artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa' parzjalment l-appell** tal-kumpannija attriċi u tirriforma l-imsemmija sentenza billi tordna li l-imgħax fuq l-ammont kanonizzat favur l-istess kumpannija attriċi mill-ewwel Qorti għandu jibda jinġema' b'seħħ mit-12 ta' Mejju, 2010, sal-jum tal-ħlas effettiv, u mill-bqija tikkonferma għal kollox l-imsemmija sentenza. L-**ispejjeż tal-appell** tal-kumpannija attriċi jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm